MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 207/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Romina Veneziani)**

**Vs**
Joseph Gheiti
Jean Paul Gheiti
Justin Gheiti

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Marzu, 2006, ghall-habta tal-10.15 hrs, gewwa x-Xatt, Sliema,**
**1) kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;**

**2) ghamlu lil Dominic Psaila, ingurji jew theddid jew, jekk kienu provokati, ngurjaw b'mod li hargu barra mill-limiti tal-provokazzjoni;**
**3) hebbew ghal Dominic Psaila sabiex jingurjawh, idejjquh jew jaghmlulu hsara;**
**4) ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dominic Psaila hekk kif iccertifika Dr. David Ellul tal-Isptar San Luqa.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 338(dd) 339(1)(d)(e) u 221 (1) tal-Kodici Kriminali, fil-konfront ta' Joseph Gheiti, ma sabitux hati tat-tieni u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minnhom, sabitu hati tal-ewwel akkuza w tar-raba' akkuza w ikkundannatu ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) fuq l-ewwel akkuza w ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) fuq ir-raba' akkuza.
Fil-konfront ta' Jean Paul Gheiti, sabitu hati tal-erba' akkuzi migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) fuq kull wahda mill-erba' akkuzi migjuba kontra tieghu (total LM100 ammenda).
Fil-konfront ta' Justin Gheiti, sabitu hati tal-erba akkuzi migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) fuq kull wahda mill-erba' akkuzi migjuba kontra tieghu (total LM100 ammenda).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fit-2 ta' Gunju, 2006, li bih talbu lil din il-Qorti joghgobha li :
fil-konfront ta' Joseph Gheiti tikkonferma l-parti liberatorja tas-sentenza appellata w tiddikjara llil-appellant Joseph Gheiti mhux hati tat-tieni u t-tielet akkuza, filwaqt li tirrevoka, thassar u tannulla l-parti li biha sabet lil-appellant hati tal-ewwel u r-raba' akkuzi, tiddikjarah mhux hati taghhom u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.
fil-konfront ta' Jean Paul Gheiti, tirrevoka, thassar u tannulla l-istess sentenza w tiddikjarah mhux hati tal-

akkuzi dedotti kontra tieghu w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena, w
fil-konfront ta’ Justin Gheiti, stante li huwa agixxa taht provokazzjoni qawwija w istantanja, l-istess Qorti tiskuzah u tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza msemmija w tiddikjarah mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor kienu lil-appellant** Joseph Gheiti **ndahal biss biex waqqaf il-glieda b’ mod deciziv u ma kisirx il-buon ordni jew ikkaguna xi ferita fuq Domenic Psaila w hu qatt ma seta’ jinstab hati fuq il-provi konfliggenti li tressqu. Fir-rigward ta’** Jean Paul Gheiti, **dan lanqas biss lahaq wasal fuq il-post fejn kien qed jissawwat huh Justin Gheiti minn Domenic Psaila, stante li gie mahkum w imwaqqaf minn impjegati tal-Captain Morgan Cruises. Ghalhekk it-tielet u r-raba’ akkuzi dedotti kontra dan l-appellant qatt ma setghu jkunu pruvati. Ghar-rigward tal-ewwel zewg akkuzi, hadd mix-xhieda ma semma li hu kiser il-buon ordni jew ingurja jew hedded lil Psaila u ghalhekk kellu jigi liberat minn dawn l-akkuzi wkoll. Ghal dak li jirrigwarda lill-appellant** Justin Gheiti, **dan kien ipprovokat mill-bidu nett tal-incident. Kif hu kien sejjer jigri jghin lil huh Jean Paul, huwa gie imwaqqa’ minn Domenic Psaila li ttrippjah apposta. Hu ghalhekk irrejaggixxa ghal dan billi mar ghal Psaila bil-konsegwenza li safa’ imbuttat u mitfugh fl-art u Domenic Psaila kien fuqu w anki gidmu fi drieghu kif jirrizulta mic-certifiklat mediku. Ghalhekk hu ma harigx mill-limiti tal-provokazzjoni kif jssemma fit-tieni akkuza, kif ifformulata mill-istess prosekuzzjoni. Ghalhekk l-azzjoni kollha ta’ Justin Ghejti hija skuzata. Hu ma kellu ebda interess li jipprovoka incident dak il-hin meta kien dahallhom hafna xoghol f’ daqqa ta’ turisti.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat is-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru, 2006, fejn laqghet l-eccezzjoni tal-Avukat Generali w ddikjarat l-appell tal-appellant Joseph Gheiti null u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront taz-zewg appellanti l-ohra;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan incident li gara fix-xatt ta' tas-Sliema fejn il-familja Gheiti topera xi lanec tal-*harbour tours* ghat-turisti bi certa kompetizzjoni jekk mhux ukoll rivalita' akkanita ma' operaturi ohra bhal ma huma l-Captain Morgan Cruises. Fl-20 ta' Marzu, 2006, jidher li inqala' incident wara li gie skambjat xi kliem bejn naha u ohra li fih f' xi hin kienu involuti it-tlitt membri tal-familja Gheiti , xi impjegati tal-Captain Morgan Cruises u partikolarment certu Domenic Psaila. Bhal kif jigri f' kazijiet simili, l-Qorti hija konfrontata b' verzjonijiet konfliggenti dwar kif zvolga ruhu l-incident.**

**Issa kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (**"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne" **[9.7.2003]) "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."* (ara ukoll** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et" **[19.10.2006].**

**Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi li saru quddiemha w jirrizultalha mix-xhieda ta' John Galea, PC 694 M. Borg, Angelo Gilford, Mandy Formosa, Sandro Gatt u Alfred Galea kif ukoll ta' Domenic**

**Psaila li, f' hin minnhom, l-appellant Justin Psaila kien gie jigri minn band' ohra w gie fl-idejn ma Domenic Psaila w spiccaw it-tnejn fl-art. Hu minnu li l-istess Justin Gheiti jghid li meta kien ghaddej minn hdejn Domenic Psaila, dan kien qallu xi diskors bhal : "*Mela ser tibilghu lil A…?"* u hu irrispondieh u l-iehor qallu xi haga ohra w imbuttah, pero' din il-versjoni hi kontradetta minn diversi xhieda li jghidu li Justin Gheiti gie jigri w ghamel ghal Domenic Psaila. Kieku stess hu minnu li Justin Gheiti kien mar jigri ghax huh kien ghajjatlu biex imur jghinu jaqta' il-biljetti tat-turisti, ma kienx ser joqghod jieqaf u jahli l-hin jargumenta ma' Domenic Psaila, imma jekk veru kien mghaggel, kien jibqa' sejjer jghin lil huh. Lanqas ma rrizultat l-allegazzjoni li saret fir-rikors tal-appell li Domenic Psaila kien "*ittrippjah apposta*" lil Justin Gheiti meta dan kien ghaddej minn magembu. Kull ma jghid Justin Gheiti fix-xhieda tieghu hu li wara li tlewwmu verbalment, Psaila kien imbuttah. Mela qabel dan l-agir, jekk stess hu minnu , kien diga' hemm id-diverbju bejnithom. Ghalhekk l-ispjegazzjoni tal-girja ta' Justin Gheiti ma hix verosimili u lanqas attendibbli. Jidher li hu mar bil-girja biex jiggieled ma Domenic Psaila, bil-konsegwenza li mbaghad kien hemm l-istorbju, l-hebb u l-ingurji w theddid, kif ukoll li Psaila sofra feriti hfief, kif irrizulta minn diversi xhieda.**

**Ghalhekk din il-Qorti tara li s-sejbien ta' htija fil-konfront ta' Justin Gheiti kien wiehed gustifikat u qed jigi konfermat minn din il-Qorti.**

**Ghar-rigward tal-appellant Jean Pierre Gheiti, hemm ukoll diversi xhieda bhal Mandy Formosa, John Galea w Domenic Psaila li xehdu li hu ukoll sawwat lil Domenic Psaila. Angelo Gilford ukoll sema xi ingurji w theddid da parti ta' dan l-appellant. Ghalhekk id-difiza ta' dan l-appellant li hu kien mar fuq huh Justin u Domenic Psaila biex iferraq biss hi kontradetta minn diversi xhieda w ghalhekk mhux attendibbli. Ghalhekk anki fir-rigward ta' dan l-appellant din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi**

**mid-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti li jirrizultaw l-erba’ imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.**

**Ghal dawn il-motivi, l-appell taz-zewg appellanti qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------